**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**ĠUNJU 2008** **NUMRU 233**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Kienet dehra ta' l-għaġeb dik li rajna fuq it-televiżjoni Taljana nhar il-Ħadd 11 ta' Mejju, il-festa ta' l-Għid il-Ħamsin. Eluf u eluf ta' membri ta' l-Azzjoni Kattolika fakkru l-140 sena mit-twaqqif ta' l-Azzjoni Kattolika. Dehra li wriet kemm l-Azzjoni Kattolika għadha ħajja u mimlija enerġija. Mal-ħafna pajjiżi oħra, pajjiżna kien irrappreżentat mill-President Ġenerali, Joyce Pullicino, ma' oħrajn, fosthom rappreżentanza taż-żgħażagħ tagħna, Ż.A.K.
Stajna naraw u nisimgħu, kemm l-Azzjoni Kattolika hija skola ta' qdusija. Tul dawn il-140 sena ta' ħajja, l-Azzjoni Kattolika tat 6 qaddisin, 117 beati, 18 il-venerabbli, u ħafna oħrajn Servi ta' Alla li qed jistennew li jkunu ddikjarati u magħrufa mill-Knisja. Aħna membri ta' l-Azzjoni Kattolika nkunu qed niżbaljaw is-sejħa tagħna jekk ma naħdmux biex fejn waslu huma naslu aħna wkoll.

❖ ❖❖❖❖❖❖❖ ❖❖❖❖❖❖❖ ❖❖❖❖❖❖

Wisq nibża li l-membri tagħna huma kuntenti billi, darba fil-ġimgħa jiltaqgħu u daqshekk . . . Naħseb inkunu qed ninterpretaw ħażin il-kelma AZZJONI . . . li tfisser li taħdem, tagħmel xi ħaġa . . . Li nitgħallmu u nirriflettu fuq il-veritajiet tal-fidi tagħna hija importanti, imma li nwarrbu lil oħrajn u nillimitaw ruħna għaċ-Ċirkolu biss naħseb li huwa żball kbir . . . Hemm oqsma oħra li rridu nqumu minn nagħas tagħna u nilħquhom bħal ma huma . . . . it-tfal . . .iż-żgħażagħ . . . l-anzjani fid-djar tal-Knisja u tal-Gvern, il-ġirien li huma xi ftit imbegħda mill-Knisja . . . Tajjeb li dawn l-attivitajiet nagħmluhom bħala grupp . . . Forsi wasal iż-żmien li jinbidel il-format tal-laqgħa . . u jidħol ukoll l-element ta' ħidma . . . azzjoni. Fil-bidu tas-sena soċjali nagħmlu ħafna proponimenti . . . u fl-aħħar insibu li . . . . . . ! ! ! !

Le, għandna Ċirkoli li huma ħafna attivi u kreattivi . . . imma l-oħrajn ??? Intom ??? Ġieli tlabtkom tibagħtuli xi attività li tkunu għamiltu biex inġibuha fl-Information Sheet biex ħaddieħor jitgħallem u jitħajjar . . . xi ftit bagħatu u ma ssukktawx . . . INQUMU minn NAGĦAS.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

**Statut Ġenerali Ġdid**

Wasal iż-żmien biex nibdlu l-Istatut Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika. Dan l-Istatut kien ġie approvat fil-1965, jiġifieri 43 sena ilu. Minn dak iż-żmien il-hawn saru ħafna tibdiliet fl-Azzjùni Kattolika. Inħass il-bżonn ta' karigi ġodda u ta' kummissjonijiet ġodda u dawn ġew imwaqqfin u qegħdin jiffunzjonaw. Il-ħatra ta' xi uffiċjali qegħda ssir b'mod aktar demokratiku. Fl-istess ħin xi karigi, bħal per eżempju dik tad-Direttur tas-Sede Ċentrali ma għadux jinħass il-bżonn tagħhom, il-Kunsill Ġenerali u l-Konsulta Ġenerali ma għadhomx jiltaqgħu u l-organizzazzjoni fil-parroċċa ħadet xejra differenti u aktar sempliċi.

Ix-xogħol fuq it-tiġdid ta' l-Istatut ilu li beda. L-ex President Ġenerali Miss Ninette Borg Grech kienet ħadmet ħafna fuqu u dan l-aħħar temmet ix-xogħol li kienet bdiet meta kienet għadha President Ġenerali. Iltqajna mad-Direttorju ta' Għawdex u ddiskutejnih magħhom u stedinniehom biex jibgħatulna l-kummenti tagħhom.

L-Istatut il-ġdid se jiġi ppreżentat u diskuss waqt il-Laqgħa Ġenerali li jmiss. Wara l-President ta' kull Ċirkolu u ta' kull Kummissjoni se jippreżentawh u jiddiskutuh mal-membri tagħhom u kulħadd se jiġi mistieden biex jibgħat il-kummenti tiegħu sas-16 ta' Lulju. Id-Direttorju Ġenerali jilqa' l-proposti tagħkom, jiddiskutihom u jekk jaqbel magħhom jinkorporom fl-aħħar verżjoni ta' l-Istatut.

F'Novembru għandha ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex inressqu l-Istatut emendat skond il-proposti għall-approvazzjoni tagħkom. L-Istatut approvat minnkom jiġi ppreżentat lill-Konferenza Episkopali għall-approvazzjoni ta' l-Arċisqof u ta' l-Isqof ta' Għawdex.

Il-Laqgħa Ġenerali li se ssir fid-19 ta' Ġunju hija ta' importanza kbira ħafna. Nistgħu nsejħulha laqgħa storika. Għaldaqstant kull min hu mistieden għandu jħoss l-obbligu li jattendi ħalli jkun jista' jispjega t-tibdil lill-sħabu. Hu importanti ħafna li kulħadd ikun imgħarraf bil-bidliet li se jsiru u li jħoss il-bżonn tagħhom.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# LAQGĦA ĠENERALI

# IL-ĦAMIS, 19 TA' ĠUNJU 2008

## MIS-18:00 SAT- 20:00

## SALA MONS GONZI - ISTITUT KATTOLIKU

## FLORIANA

Huma mistennija jipparteċipaw : -

- il-membri tad-Direttorju Ġenerali
- il-membri tal-Kunsill Ċentrali tal-Friegħi, tal-Kummissjonijiet u tal-Movimenti,
- il-Presidenti taċ-Ċirkoli jew rappreżentant/a tagħhom flimkien ma' żewġ membri oħra.

Il-parteċipanti huma mitluba li jkunu fis-sala fil-ħin biex il-laqgħa tibda fis-18:00 preċiż.

Il-mexxejja taċ-Ċirkolu għandhom iħossu r-responsabbiltà li ċ-Ċirkolu tagħhom ikun rappreżentat bi sħiħ għal din il-laqgħa.

## ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' ĠUNJU 2008

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Ġunju | Fergħa Nisa<br>Kummissjoni Romol | Ħarġa Soċjo - Kulturali għal Għawdex –<br>Booking mingħand G. Zammit Tel-21694980 |
| 5 ta' Ġunju | Xebbiet Adulti | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| | Membri kollha | Siegħa Adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika ġos-Seminarju mill-5.30 pm sas-6.30pm |
| 8 ta' Ġunju | ŻAK | Support Group |
| 11 ta' Ġunju | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità |
| | Kumm Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-18:00 |
| 12 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 Membri tal-Kunsill |
| 13 ta' Ġunju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00, Istitut Kattoliku Floriana |
| | Xebbiet Adulti | Pizza/Pasta Night. Dettalji jingħataw f'ċirkulari |
| 15 ta' Ġunju | Dirett., Kuns. Ċentrali | Ċenaklu mill-10:00 sa 12:00, dar ZAK, Triq Brared B'Kara. |
| 16 ta' Ġunju | Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| 18 ta' Ġunju | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30 |
| 19 ta' Ġunju | Frieġħi kollha<br>Diriġenti u Presidenti | Laqgħa Ġenerali, Sala Mons Gonzi fis-18:00 |
| 25 ta' Ġunju | S.A.S | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00. |
| 27 ta' Ġunju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00, Isitut Kattolilu, Floriana |
| 28 ta' Ġunju | ŻAK | BBQ għal membri kollha taż-ŻAK, Little Armier |
| 3 ta' Lulju | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |

## RIŻULTATI TAL-LOTTERIJA LI SARET NHAR IT-TLIETA 13 TA' MEJJU 2008 B'RISQ L-AZZJONI KATTOLIKA

L-EWWEL PREMJU Samsung LCD 40'' Television Set - €1,024.92
M. Busietta - Sliema - BILJETT NUMRU - 10520

IT-TIENI PREMJU Nokia N76 Mobile Phone - €510.13
Joyce Brincat - Safi - BILJETT NUMRU - 3683

IT-TIELET PREMJU String of White Fresh Water Pearls - €135.10
John Ascolese - Senglea - BILJETT NUMRU - 5078

IR-RABA' PREMJU Sponsor - Hamper - Guido Vella - €58
Carmen Farrugia - BILJETT NUMRU - 17003

IL-ĦAMES PREMJU Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd - TGI Fridays - €15
Marthese Mursett - Swieqi - BILJETT NUMRU - 31411

IS-SITT PREMJU Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd – Burger King - €15
Austin Attard Montalto - Valletta - BILJETT NUMRU - 24947

IS-SEBA' PREMJU Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd – Pizza Hut - €15
Mary Jacono - BILJETT NUMRU - 28110

**L-Information Sheet Bl-*email***
Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@*akmalta.org*

## **Fergħa Xebbiet Adulti**

Inħeġġu lill-Membri kollha biex matul ix-xahar ta' Ġunju jżidu fid-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.

## **GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN**

Infakkrukom li l-aħħar adorazzjoni għall-vokazzjonijiet li ssir fis-Seminarju tal-Virtù, se tkun nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju 2008. L-A.K. imissha bejn il-17:30. u s-18:30. Il-quddiem ninfurmawkom meta jerġgħu jibdew.

Il-Gruppi Koppji tal-Ħamrun Kunċizzjoni, B'Bugia, Balzan, Naxxar u Rabat jiċċelebraw l-għasar fuq Dingli Cliffs, fi nżul ix-xemx nhar it-18 ta' Ġunju 2008 fis-19:30. Niltaqgħu hdejn il-Kappella ta' Santa Madalena.

*Carmen u Joe Agius Delicata*

## **SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

Riżenja ta' Marie Testa - Miss Marie Testa irriżenjat minn Social Worker mas-SAS wara li ġiet offruta xogħol ieħor fid-Djoċesi ta' ċerta responsabbiltà. Minkejja l-perjodu relattivament qasir ta' sena, Miss Testa tat kontribut ferm validu fl-uffiċċju SAS u integrat tajjeb ħafna ma' l-istaff u l-voluntiera SAS fil-Parroċċi. Nawguraw lil Miss Testa kull suċċess fil-ħidma ġdida tagħha.

Social Worker Ġdida mas-SAS - Mrs Linda Carabott hija Social Worker ġdida li qed taħdem mas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika. Mrs Carabott barra li hija Social Worker professjonali kellha wkoll l-esperjenza li tagħmel xogħol missjunarju fl-Africa għal sena filwaqt li ħadmet ukoll ma' persuni b'diżabilità. Hija bdiet ix-xogħol ġdid tagħha nhar il-15 ta' Mejju. Hija twettaq ħidma volontarja wkoll fil-Parroċċa tagħha. Konvinti li s-servizz tagħha fl-uffiċċju ċentrali tas-SAS se jkun utli ħafna.

<u>Uffiċċju Ċentrali SAS miftuħ kuljum fis-Sede ta' l-Azzjoni Kattolika</u>

Infakkru li kuljum fl-uffiċċju ċentrali tas-SAS ikun hemm Social Worker, Care Worker u l-istaff klerikali. Kif tafu s-Sur Tony Mifsud u s-Sur Andrea Vella huma s-Social Workers l-oħra filwaqt li l-Care Workers huma Mrs Rose Sammut, Mrs. Carmelina Bugeja u Mrs Josette Spiteri.

----------------------

It-Tlieta, 1 Ta' Lulju 2008, Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali



## **SERVIZZ BIL-MINIBUSES**
## **PROPJU GĦAL MIN ĦAFNA DRABI HU MINSI F'DARU**

Żgur li hawn anzjani fil-parroċċi tagħkom li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma joħorġux. Ejjew niftakru fihom minn żmien għal żmien. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-komunità. Ċemplu 21226920 u ħallu messaġġ fuq l-Answering Machine u s- Sur Joe Theuma jċempel lura hu stess - Mobile Joe Theuma - 99452768. F'kas ta' diffikultà ċemplu uffiċċju SAS - 21220286.

*<u>SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER</u>*
*<u>SOLIDARJETÀ FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER</u>*
*<u>QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA ,4 TA' LULJU 2008 FIS-18:30.</u>*

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mistiedna għal din il-Quddiesa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, biex nitolbu għall-morda bil-Kanċer u l-familjari tagħhom.

**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-20:30 fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Ġunju 2008:- 1,8,15 u 29.



# Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2008 mit-8:30 sas-19:00.

ii. Mill-1 sal 31 ta' Awissu 2008 mit-8:30 sas-13:00.

iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8:30 sad-21:00.